# IL-MONUMENT FUNEBRU TAL-GRAN MASTRU FRA ANTONIO MANOEL DE VILHENA FIL-KONKATIDRAL TA' SAN ĠWANN

Riċerka ta' Dun David Torpiano



Fil-Kappella tal-Lingwa ta' Kastilja, Leon u l-Portugall ġewwa l-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt (il-kappella ddedikata lil San Ġakbu Appostlu patrun ta' Spanja, magħruf ukoll bħala Ġakbu l-Kbir, iben Żebedew u ħu l-appostlu San Ġwann), jinsab midfun il-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena, fundatur tas-subborg Vilhena, popolarment magħruf bħala Floriana.

F'din il-kappella, jinsab il-monument funebri jew aħjar il-mawsolew tal-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena li miet fil-12 ta' Diċembru tas-sena 1736. Għall-ewwel sena wara mewtu, il-Gran Mastru ġie midfun fil-kripta tal-Gran Mastri fl-istess Knisja Konventwali tal-Ordni, u sena wara, il-fdalijiet tiegħu ġew trasferiti fil-monument il-ġdid. Il-monument stupend skolpit fil-bronz ġie esegwit ġewwa Firenze mill-artist Massimiliano Soldani Benzi li kien imqabbad mill-famuż Cosimo de' Medici għal diversi xogħlijiet ġewwa Firenze stess. Kien l-istess artist li esegwixxa wkoll il-monument funebri tal-Gran Mastru Marc'Antonio Zondadari.

Is-sarkofagu ta' de Vilhena, magħmul minn irħam iswed, qiegħed jistrieħ fuq żewġ iljuni. Il-prospettiva tal-monument fiha grupp skultorju ta' altoriljevi li jirrappreżentaw il-Gran Mastru de Vilhena nnifsu kif ukoll diversi figuri allegoriċi. Fiċ-ċentru tas-sarkofagu wieħed jilmaħ riljev li jirrappreżenta l-preżentazzjoni tal-pjanti tal-Forti Manoel lill-Gran Mastru de Vilhena li hu stess kien ordna li jinbena u liema Forti jġib ismu. Fuq l-urna li fiha jistrieħu l-fdalijiet ta' dan il-Gran Mastru għażiż għall-Furjaniżi, hemm grupp ta' anġli mdawrin ma' kuxxinett, li fuqu hemm rappreżentazzjoni ta' dawk li jissejħu "Stoc e Pilier" jiġifieri x-Xabla u l-Kappell ornamentali li ngħataw bi privileġġ lil de Vilhena mill-Papa Benedettu XIII fl-1725. Żewġ anġli oħra jsostnu mill-ġnub il-kuruna ornamentali u funerarja mal-bust. Fuq il-quċċata tal-monument, l-"Anġlu tal-Fama" qiegħed idoqq it-tromba filwaqt li kerubin qiegħed iżomm il-liżar tal-mewt. Il-monument huwa meqjus bħala wieħed mill-ifjen opri artistiċi li jżejnu l-Konkatidral ta' San Ġwann.